MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF RAYMOND C. PACE

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Mandat Numru. 824/2008/1

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 824/2008 fl-ismijiet:-**

**Carmel Gatt I.D. No. 862144(M), Lawrence Gatt I.D. No. 472150(M), Pawlina Bonello I.D. No. 948346(M), Maria Muscat I.D. No. 513843(M), Domenica Gatt I.D. No. 474224(M).**

**vs.**

**Rita Abela I.D. No. 661855(M), Walter Abela I.D. No. 479252(M), Pawlu Vella I.D. No. 116049(M).**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni ta' Carmel Gatt *et* datat 30 ta' Mejju 2008 a fol. 1 tal-process fejn ir-rikorrenti talbu li l-intimati jew min minnhom huma l-

proprjetarji tal-*plot* numru 4 li jinsab fi Triq is-Sienja, iz-Zebbiegh, Mgarr (Malta), jigu mizmuma u inibiti milli jkomplu jibnu jew isaqqfu u milli jaghmlu xi tip iehor ta' kostruzzjoni ta' bini fl-imsemmi *plot* numru 4.

Illi r-rikorrenti huma l-proprjetarji tal-*plot* numru 3 li huwa adjacenti ghal *plot* numru 4, u li wkoll jinsab fi Triq is-Sebh, iz-Zebbiegh, Mgarr (Malta) hekk kif jirrizulta mill-kuntratt tal-akkwist ta' Emanuel Gatt datat 26 ta' Jannar 1977 fl-atti tan-Nutar Dottor Sammy Abela, u kif jirrizulta wkoll mill-pjanta riferita fl-imsemmi kuntratt, li kopja taghhom qieghda tigi annessa u mmarkata bhala Dol. "AX 1" u "AX 2".

Illi tali binja jew kull tip ta' kostruzzjoni jew thaffir li sar s' issa, jew li jista' jsir fil-*plot* numru 4, qed jinvadi l-*area* tal-art tal-*plot* numru 3 b'mod sostanzjali u dan skond ma rrizulta fl-access tekniku u fl-evalwazzjonijiet li saru fuq il-post mill-Perit Colin Zammit fid-19 ta' Mejju 2008, li gie nkarigat mir-rikorrenti ghal dan l-iskop, kif jidher ukoll fir-rapport anness u mmarkat bhala Dok. "AX3", "AX4" u "AX5".

Illi ghalhekk tali nvazjoni qieghda tnaqqas sostanzjalment l-*area* tal-art proprjeta` tar-rikorrenti u l-valur taghha, b' detriment ghalihom ukoll jekk jaslu biex jizviluppaw, ibieghu, jitrasferixxu jew jassenjaw id-dritt ta' proprjeta` li ghandhom bhala l-*aventi causa* tal-mejjet Emanuel Gatt, u ghalhekk talbu sabiex din il-Qorti timpedixxi lill-intimati milli jkomplu bix-xoghlijiet fuq imsemmija *stante* illi jekk dan id-dritt ma jigix kawtelat minn issa, huma ser isofru pregudizzju li difficilment jista' jigi rimedjat jekk l-intimati jaghmlu xoghlijiet ulterjuri fl-art gia` skavata, li bhalissa tinsab fi stat bikri ta' kostruzzjoni.

Rat id-digriet tat-30 ta' Mejju 2008 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghas-seduta tad-12 ta' Gunju 2008, u ordnat in-notifika ta' l-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta' l-intimati Rita Abela, Walter Abela u Pawlu Vella datata 3 ta' Gunju 2008 a fol. 15 tal-process fejn opponew ghat-talba tar-rikorenti billi sostew li Pawlu Vella ma huwiex il-legittimu kontradittur ghaliex huwa ma huwiex il-proprjetarju ta' *plot* 4, tant li l-proprjetarja tal-istess hija ohtu l-intimata Rita Abela li xtrat l-istess *plot* qabel iz-zwieg taghha mal-intimat l-iehor Walter Abela, li llum qed jibnu l-istess *plot*; illi l-*plots* gew mixtrija t-tnejn skond kuntratti tan-Nutar Dr. Sammy Abela datati rispettivament 21 ta' Jannar 1997 (anness mar-rikors) u 14 ta' Gunju 1977 (Dok. "A"), izda t-tnejn jaghmlu riferenza ghall-istess pjanta annessa mal-istess kuntratti bhala Dok. "A" (Dok. "B" anness mar-risposta) u z-zewg *plots* tal-kontendenti huma divizi b'hajt divizzorju immarkat mill-intimati fuq l-istess pjanta li skond huma jikkorrispondi mal-hajt indikat fir-ritratt (Dok. "C"); skond l-intimati huma bnew fil-konfini tal-*plot* taghhom cjoe' san-nofs il-hxuna tal-hajt, tant li huma ghamlu *survey* u bnew skond l-istess u dan kif ikkonfermat mir-rapport tal-Perit Martin Farrugia (Dok. "D"). Jghidu li skond il-pjanti redatti mill-Perit Colin Zammit r-rikorrenti qed jippretendu li l-konfini tal-*plot* taghhom tmur *oltre* mill-hajt divizzorju, tant li qed jghidu li l-parti l-hamra indikata mill-istess perit immarkata fuq il-pjanta Dok. "X" tigi kollha kemm hija lil hinn mill-hajt tas-sejjiegh u skond is-sentenza **"AIC Edwin Calleja vs Gaeatano Sammut"** (A.C. 15 ta' Marzu 1995 – Vol. LXXIX.ii.387) l-pjanta annessa mal-kuntratt hija mhux biss accessorja ghall-kuntratt ta' akkwisti izda parti integrali mill-kuntratt u ladarba skond l-istess pjanta l-kamra rurali hemm indikata kienet tirrizulta fejn hija b'mod car mela allura kull konsiderazzjoni ta' kejl hija rrelvanti *stante* dan ma jista' jwassal qatt sabiex tigi disturbata l-linja ta' demarkazzjoni li kif indikat fir-relazzjoni peritali jidher bic-car li giet iffissata fuq bazi ta' konfigurazzjoni u kejl approssimattiv tat-tlett porzjonijiet imsemmija fl-istess kawza, u allura l-istess intimati jsostnu li ladarba l-istess pjanti annessi mal-kuntratti tal-akkwist tal-partijiet jindikaw li d-divizjoni bejn il-*plots* 3 u 4 hija proprju dan il-hajt tas-sejjiegh/pali tal-bajtar, l-istess hajt tas-sejjiegh huwa l-linja divizzorja bejn l-istess *plots* u dan irrispettivament mill-kejl tal-istess *plots*, tant li l-kejl tal-faccata tar-rikorrenti jwassal sa nofs il-hxuna tal-hajt divizorju u ghalhekk jekk ir-

rikorrenti ghandhom kejl inqas fil-*plot* taghhom dan ma ghandux iwassal sabiex jcaqalqu l-linja tal-konfini li ilha li giet stabbilita aktar minn tletin sena, liema linja tal-konfini hija marbuta mal-hajt divizzorju u ghalhekk t-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2008 meta ssejjah ir-rikors dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr. Johann Debono ghar-rikorrenti u Dr. Massimo Vella ghall-intimati. Dehru wkoll l-intimati u r-rikorrenti. Xehdu bil-gurament il-Perit Colin Zammit u l-Perit Martin Farrugia. Id-difensuri trattaw il-kaz. Ir-rikors gie differit ghall-digriet *in camera.*

Rat id-digriet tat-18 ta' Gunju 2008 fejn il-Qorti riappuntat dan il-Mandat ta' Inibizzjoni ghad-19 ta' Gunju, 2008 fil-11:00 a.m. u nnominat a spejjez provizorjament tar-rikorrenti lill-Perit Tekniku Mario Cassar sabiex jirrelata dwar it-talba tar-rikorrenti wara li jiehu konjizzjoni tar-risposta tal-intimati, u jezamina l-pjanti u d-dokumenti kollha esebiti u b'dan li gie awtorizzat ukoll sabiex jaccedi fuq il-post minghajr il-prezenza tal-partijiet, u dan a spejjez provizorjament tar-rikorrenti.

Rat il-verbal tad-19 ta' Gunju 2008 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru d-difensuri tal-partijiet, Dr. Aldo Vella ghall-intimat u Dr. Johann Debono ghar-rikorrenti, fejn l-istess difensuri tal-partijiet taw ruhhom notifikati ghall-partijiet bl-avviz tar-riappuntament tar-rikors u fejn il-Perit Tekniku Mario Cassar prezenta u halef ir-rapport u r-rikors baqa' differit ghall-ezami tar-rapport u eskussjoni tal-Perit Tekniku u finali trattazzjoni ghall-24 ta' Gunju, 2008 wara l-11:00 a.m.

Rat il-verbal tal-24 ta' Gunju 2008 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet u l-Perit Tekniku Mario Cassar li xehed in eskussjoni.  Id-difensuri prezenti qablu li Pawlu Vella mhux proprjetarju tal-*plot* Nru 4 li fuqha qed isiru x-xoghlijiet u wara li d-difensuri trattaw il-kaz ir-rikors giet differit ghal provediment kamerali.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku u l-eskussjoni tieghu.

Rat ix-xhieda kollha moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi dan huwa rikors ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni fejn r-rikorrenti qed jitolbu li l-intimati bhala proprjetarji ta’ *plot* 4, fi Triq Is-Sinja iz-Zebbiegh, jigu inibiti milli jkomplu jibnu jew isaqqfu jew jaghmlu xi tip iehor ta’ kostruzzjoni ta’ bini fuq l-imsemmija *plot* 4 u dan peress li bix-xoghol li qed isir qed tigi invaza b’mod sostanzjali l-*plot* 3 li tinsab fi Triq is-Sienja, Iz-Zebbiegh, Mgarr u dan kif jirrizulta mill-kostatazzjoni u kejl li ghamel fuq il-post l-Perit Colin Zammit (Dok. “AX 3” sa (Dok. “AX 5”) u bil-konsegwenza li tali invazzjoni u bini fl-art tar-rikorrenti jnaqqas sostanzjalment l-*area* ta’ l-istess *plot* 3 u dan jippregudika serjament id-drittijiet tal-istess rikorrenti fuq *plot* 3.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li effettivament iz-zewg partijiet xtraw fuq l-istess pjanta (Dok. “B”) li kienet annessa mal-kuntratt tal-akkwist tal-*plot* 3 mir-rikorrenti datat 21 ta’ Jannar 1977 (Dok. “AX 1”), u dik tal-akkwist tal-intimata Rita Abela datat 14 ta’ Gunju 1977 (Dok. “A”) it-tnejn fl-atti tan-Nutar Dr. Sammy Abela. Fi kliem iehor l-pjanta anness maz-zewg kuntratti rispettivi hija l-istess.

Illi jirrizulta wkoll li skond l-istess pjanta l-linja divizorja bejn *plot* 3 u 4 tikkombaccja mal-hajt tas-sejjiegh li kien hemm fuq l-istess post, liema linja divizzorja hija indikata fl-istess pjanta u tikkombaccja man-nofs l-istess hajt tas-sejjiegh.

Illi skond ix-xhieda tal-Perit Colin Zammit u skond il-pjanta minnu esebita bhala Dok. “X” il-*plot* tal-intimata Rita Abela hija dik immarkata bl-ittri A,B,C,D, u E, mentri l-*plot* tar-rikorrenti hija dik immarkata bl-ittri X, X1, X2, X3, u X4, u l-

linja ta’ demarkazzjoni bejn iz-zewg *plots* hija l-linja indikata bhala A u X3 fuq l-istess pjanta, u allura n-nofs ta’ fejn kien il-hajt tas-sejjiegh jikkombaccja mal-istess linja fuq indikata, b’dan li huwa qed jghid li l-istess intimati bnew lill’hinn mill-posizzjoni fejn kien hemm l-istess hajt tas-sejjiegh.

Illi min-naha l-ohra l-intimati jsostnu li huma bnew mal-hajt tas-sejjiegh, tant li qabel ma bdew l-istess thaffir u dan xi disa’ xhur ilu (skond ir-rapport peritali a fol. 23 f’Mejju 2007), l-Perit Martin Farrugia kien issugerixxa li jsir *survey* tal-*plots* sabiex jigi rrekordjat l-alinjament tal-istess hajt tas-sejjiegh u dan ukoll sabiex tigi nterpretata l-linja divizorja tal-*plot* taghhom u jghid li skond l-istess *survey* l-istess intimati bnew il-gewwa mill-istess hajt divizorju. Jghid li l-istess hajt divizorju jikkombaccja mas-*survey sheet* tal-1958 (Dok. “MF 1”) u mas-*survey sheet* tal-1967 (Dok. “MF 2”) u jghid li f’dawn l-istess *survey sheets* il-hajt huwa vizzibbli u jaqbel ma’ dak indikat fil-pjanta ta’ divizzjoni originali tal-Perit Muscat Azzopardi (*drawing* 2.378) (Dok. “A” anness mal-kuntratti tal-akkwist).

Illi mir-rapport tal-Perit Tekniku Mario Cassar jirrizulta li l-hajt tas-sejjiegh ma ghadux prezenti u li huwa ha l-qisien (Dok. “MP 1”) u (Dok. “MP 2”) fuq is-sit; meta ghamel superimposizzjoni tal-pjanta originali ndikata bhala Dok. “A” fuq is-*site plan* u *survey sheet* tal-MEPA tas-sit in kwistjoni rrizulta li qisien meta skalati mis-*site plan* jaqblu ma’ dawk li hemm fuq is-sit, bil-konsegwenza li meta ghamel superimposizzjoni tal-pjanti pprezentati, nkluzi l-pjanta originali li huwa indika bhala Dok. “A”, dik Dok. “X” tal-Perit Colin Zammit, flimkien mas-*site plan* u mis-*survey sheets* tal-MEPA, u l-qisien mehuda waqt l-access lilu rrizultalu li l-binja fuq *plot* 4 fil-fatt dahlet fuq il-*plot* 3 u dan b’cirka tmien piedi u hames pulzieri (8’5”) fuq il-faccata kif indikat bil-kulur ahmar fuq id-Dok. “MP 4” b’dan li kif jirrizulta mill-istess pjanta l-istess perit tekniku kkonstata li l-intimati Abela bnew lil hinn minn fejn kien il-hajt tas-sejjiegh li huwa ndikat ukoll fl-istess pjanta, u b’hekk jidher li dak konstatat jaqbel mas-sottomissjoni tar-rikorrenti li l-intimati bnew oltre mill-hajt tas-sejjiegh u kien b’hekk li dahlu fil-*plot* tar-rikorrenti.

Illi l-intimati kkontestaw dan peress li sostnew li l-hajt tas-sejjiegh ma kienx fil-posizzjoni kif indikat mill-perit tekniku u dan peress li skond *survey sheet* tal-1958 (Dok. “MF 1”), li ghall-fini tal-eskussjoni giet ingrandita u mmarkata bhala Dok. “MV 2”, jirrizulta li l-hajt tas-sejjiegh kien linja mal-bini li jidher imiss mieghu fl-istess *survey* u iktar car fl-ingrandiment tieghu, u dan huwa differenti mill-konstatazzjonijiet li saru mill-perit tekniku fil-pjanti minnu maghmula, peress li tali bini fl-istess pjanti Dok. “MP 1” sa Dok. “MP 4” kollha jindikaw li hemm spazzju bejn l-istess binja u l-hajt divizorju, bil-konsegwenza allura li l-hajt divizzorju mhuwiex kif indikat mill-istess perit tekniku, izda dak indikat mill-intimati li huwa dak linja mal-istess bini.

Illi izda din il-Qorti ma thossx li tista’ taccetta din is-sottomissjoni u dan peress li jidher li l-kejl li gie konstatat fl-istess konkluzjonijiet peritali gie miksub billi l-istess perit tekniku rabat anke ma’ diversi punti li huma fissi u li jirrizultaw mill-pjanti esebiti, inkluz l-linja ta’ bini ta’ *plot* 1 (Dok. “MP 1” sa Dok. “MP 4”;  u r-ritratt Dok. “CZ” – ittra “X”), u l-bini li jinsab il-boghod minn *plot* 1 b’14.2 metri ndikat fl-istess pjanti u dan apparti d-diversi qisien li l-perit Mario Cassar ikkonstata (Dok. “MP 1”) u (Dok. “MP 2”) u dan sabiex jigi stabbilit mill-istess perit anke fejn kien il-hajt divizorju.

Illi mhux biss izda huwa relevanti li l-istess intimati nnifishom esebew ukoll *survey sheet* ohra tas-sena 1967 immarkata bhala Dok. “MF 2” (li pero’ ma sar l-ebda ingrandiment taghha) u minn din is-*survey* jirrizulta li din-id darba (fol. 26) bejn l-istess kamra minnhom indikata u l-hajt tas-sejjiegh ukoll immarkat bir-roza mill-intimati jidher li hemm distanza u b’hekk dan *is-survey* jikkombaccja ukoll mal-konkluzjonijiet tal-perit tekniku Mario Cassar fejn jidher li hemm distanza bejn din l-ahhar binja u l-hajt tas-sejjiegh (Dok. Dok. “MP 1” sa Dok. “MP 4”). Jigi nnutat li fl-istess *survey* tas-sena 1967 jidher li l-hajt tas-sejjiegh lanqas huwa dritt kif min-naha l-ohra huwa ndikat fid-Dok. “MF 1”. Tenut kont tal-fatt li l-kuntratti tal-akkwist saru fis-sena 1977 jidher li huwa iktar relevanti ghall-kaz odjern is-

*survey* datat 1967 peress li dan huwa wkoll iktar vicin id-data ta’ akkwist tal-istess proprjetajiet rispettivi.

Illi dwar is-sottomissjoni tal-intimati fejn qed jghidu li l-linja divizorja bejn il-*plots* mertu tal-kawza odjerna hija dik indikata bil-hajt tas-sejjiegh muri fil-pjanta Dok. “A” annessa mal-kuntratti tal-akkwist rispettivi indipendentement minn kull konsiderazzjoni ohra nkluza dik ta’ kejl, jinghad li effettivament is-sottomissjoni tar-rikorrenti hija li l-linja divizzorja hija proprju l-linja fin-nofs tal-hajt tas-sejjiegh li kien ezistenti u li l-intimati bil-bini taghhom bnew *oltre* minn fejn kien kien l-istess hajt divizorju u dan huwa kkonfermat mill-pjanta Dok. “X” u wkoll mix-xhieda tal-Perit Colin Zammit. Fil-fatt l-Perit Tekniku Mario Cassar qabel bazikament mal-posizzjoni sottomessa mir-rikorrenti li l-intimati bnew lill’hin mill-hajt divizzorju (Dok. “MP 4”) u b’hekk l-insenjament fil-kawza fl-ismijiet **“AIC Edwin Calleja vs Gaeatano Sammut”** (A.C. 15 ta’ Marzu 1995 – Vol. LXXIX.ii.387) jidher ukoll li gie sodisfatt (ghalkemm dik il-kawza kienet qed tinterpreta pjanta ta’ divizzjoni). Ma jirrizultax ghalhekk li huwa minnu l-allegazzjoni tal-intimati li r-rikorrenti qed jippretendu li linja divizorja bejn il-*plots* rispettivi hija differenti minn fejn kienet nofs il-hxuna tal-hajt tas-sejjiegh li kien ezistenti bejn iz-zewg porzjonijiet divizi ta’ art.

Illi fil-kuntest ta’ dan il-mandat jirrizulta li l-prova li trid issir mir-rikorrenti hija dik *prima facie* u fil-fatt jinghad li f’dan il-kaz sar anke iktar minn hekk, mhux l-inqas bil-konstatazzjoni tal-perit tekniku u certament fuq konsiderazzjoni ta’ natura teknika din il-Qorti thoss li ghandha toqghod fuq l-istess konsiderazzjonijiet teknici, iktar u iktar meta dawn huma sorretti minn dak li irrizulta mhux lanqas mis-*survey* tas-sena 1967 **(“Charles Mugliette vs Saviour Bonnici”** – P.A. (JRM) – 25 ta’ Jannar 2005).

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li fil-konfront tal-intimati Walter u Rita Abela l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti gew ippruvati *prima facie* u gie ppruvat ukoll li bix-xoghol li qed isir mill-istess intimati Abela dawn effettivament invadew il-*plot* numru 3 proprjeta’ tal-istess rikorrenti skond kif

indikat mill-pjanta tal-Perit Mario Cassar immarkata bhala Dok. “MP 4” fil-parti *shaded* tal-istess pjanta bil-qisien ta’ tmien piedi u hames pulzieri u jirrizulta wkoll li jekk ikompli jsir l-istess bini fuq l-istess *plot*, specjalment fuq dik il-bicca art li tifforma parti minn *plot* 3, l-istess rikorrenti jsofru pregudizzju rreparabbli u ghalhekk gie ppruvat li fil-konfront tal-istess intimati Abela l-hrug tal-istess mandat huwa necessarju biex jitharrsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti b’dan li l-elementi rikjesti fl-**artikolu 873 (2)** gew ippruvati.

Illi dwar l-intimat Pawlu Vella ma jirrizultax li dan huwa l-legittimu kontradittur peress li ma huwiex proprjetarju tal-*plot* 4, u la darba t-talba tar-rikorrenti hija limitata ghal min mill-intimati huwa proprjetarju, t-talba fil-konfront tal-istess intimat Pawlu Vella qed tigi michuda u din il-Qorti qed tillibera l-istess Pawlu Vella mill-osservanza tal-gudizzju.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tillibera lill-intimat Pawlu Vella mill-osservanza tal-gudizzju peress li ma huwiex il-legittimu kontradittur, u fil-waqt li tichad ir-risposta tal-intimati Rita u Walter Abela datata 3 ta’ Gunju 2008 inkwantu l-istess hija inkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talba tar-rikorrenti fir-rikors taghhom datat 30 ta’ Mejju 2008 ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni fil-konfront tal-intimati Rita u Walter konjugi Abela** b’dan li tinibixxi lill-istess intimati Rita u Walter konjugi Abela milli jkomplu jibnu jew isaqqfu u milli jaghmlu xi tip iehor ta’ kostruzzjoni ta’ bini fl-imsemmi *plot* numru 4 li jinsab fi Triq is-Sienja, iz-Zebbiegh, Mgarr (Malta) u dan bil-mod kif indikat fl-istess rikors, b’dan l-intimati huma inibiti milli jkomplu jibnu, jsaqqfu u milli jaghmlu xi tip iehor ta’ kostruzzjoni li b’xi mod jippregudika d-drittijiet tar-rikorrenti fuq il-proprjeta’ taghhom *plot* 3 Triq is-Sebh, iz-Zebbiegh, Mgarr (Malta) kollox rikjest fir-rikors u kif indikat f’dan il-provediment.

Bl-ispejjez kontra l-intimati Rita u Walter Abela.

**Degretat**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------